MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 536/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**John u Josephine mizzewgin Bugeja**
**(ID numri 208160 (M) 476956(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fit-3 ta' Gunju, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti datati fil-11 ta' Settembru 2002 in atti Nutar Dottor John Debono, tnejn tad-9 ta' Dicembru 2004 in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion (Dok. A, B, u C) is-socjeta' attrici ikkncediet facilitajiet bankarji lil John u Josephine mizzewgin Bugeja;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' John u Josephine mizzewgin Bugeja fis-somma ta' wiehed u hamsin elf, hames mija u hdax il-Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€51,511.21) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" ta' John u Josephine mizzewgin Bugeja bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D29", "E1 sa E120", "F1 sa F2", "G1 sa G2", "H1 sa H2", "11 sa 12", "J1 sa J2") flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mit-18 ta' Marzu 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;
3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument "A, B, u C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi John u Josephine mizzewgin Bugeja : -
(a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u / jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess John u Josephine mizzewgin Bugeja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;
4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;
5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fl-24 ta' Lulju, 2007 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "K", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Talab wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument "A, B u C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi John u Josephine mizzewgin Bugeja (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess

kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm tibdiliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess John u Josephine mizzewgin Bugeja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;
2. Tikkundanna lil John u Josephine mizzewgin Bugeja jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ wiehed u hamsin elf, hames mija u hdax il-Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€51,511.21) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” taghhom, flimkien ma l-imghax ulterjuri mit-18 ta’ Marzu 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fl-24 ta’ Lulju 2007 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni kif ukoll bl-ispejjez tal-Mandati ta’ Sekwestru prezentati kontestwalment;

Rat in-nota tax-xhieda ta’ l-Bank attur;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat illi l-konvenuti waqt is-seduta tat-2 ta’ Frar 2010 dehru u seduta stante ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lil Bank attur s--somma ta' wiehed u hamsin elf, hames mija u hdax il-Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€51,511.21) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” taghhom, flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mit-18 ta’ Marzu 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament; Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------